MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1084/2006

**Talba Nru: 1084/06VGD**

Neil Agius (Id. 580879M)

Vs

Ken Donaldson

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360.00c) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' karozza, liema ammont ma thallasx mill-konvenut alavolja interpellat sabiex ihallas, bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360.00c). L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------